*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "1000 PANORAMICZNYCH" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 299 671

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 2208/2016-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tibdel id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell billi tilqa' l-appell tar-rikorrenti u tirreġistra t-trade mark "1000 PANORAMICZNYCH" peress li s-sinjal verbali "1000 PANORAMICZNYCH" ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari mill-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament 2017/1001, u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut ta' reġistrazzjoni tat-trade mark;

u/jew

— konformement mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament 2017/1001 is-sinjal verbali "1000 PANORAMICZNYCH" kiseb karattru distintiv permezz tal-użu (karattru distintiv sekondarju), u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark, u b'mod partikolari, l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(b), (c) u (d) ma hija applikabbli;

sussidjarjament,

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell u timponi lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"EUIPO") li jeżamina mill-ġdid l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewopea għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali "1000 PANORAMICZNYCH", bl-applikazzjoni Nru 015299671, b'mod partikolari sabiex jiġu evitati l-irregolaritajiet eżistenti u jiddetermina li s-sinjal verbali "1000 PANORAMICZNYCH" ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari mill-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament 2017/1001, u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni assoluta għar-rifjut tar-reġistrazzjoni;

u/jew

— konformement mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament 2017/1001 is-sinjal verbali "1000 PANORAMICZNYCH" kiseb karattru distintiv permezz tal-użu (karattru distintiv sekondarju), u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark, u b'mod partikolari, l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(b), (c) u (d) ma hija applikabbli.

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b), (c) u (d) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fi 27 ta Frar 2018 – Lidl Stiftung vs EUIPO – Shimano Europe (PRO)**

**(Kawża T-122/18)**

(2018/C 142/81)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Lidl Stiftung & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Berger u A. Marx, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Shimano Europe BV (Nunspeet, il-Pajjiżi l-Baxxi)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "PRO" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 468 904

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1332/2017-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal oppożizzjoni Nru 002654773, imressqa kontra l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 14 468 904;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, u

— tikkundanna lil Shimano Europe BV għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem l-EUIPO.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 2017/1001;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2018 – Bayer Intellectual Property vs EUIPO (rappreżentazzjoni ta' qalb)**

**(Kawża T-123/18)**

(2018/C 142/82)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bayer Intellectual Property GmbH (Monheim am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni (rappreżentazzjoni ta' qalb) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 701 568

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 145/2017-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;